MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2013

Numru. 11/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**ABO ASSAF YOUSEF**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ABO ASSAF YOUSEF** ta' tmienja w ghoxrin (28) sena, iben Ahmed Yousef Abo Assaf u Turkiya Abo Assaf, imwieled Libja nhar is-16 ta' April, 1983, residenti 173, Ave Maria, Wied Hal Balzan, Balzan, u detentur ta' karta ta' l-identita' numru 181210L, gie mressaq quddiemha akkuzat:

Talli fil-hamsa w ghoxrin (25) ta' Awwissu, 2010, ghal habta ta' nofsinhar u hamsa (12.05pm), f'San Salvatore, Triq San Mikiel, San Giljan, fil-kapacita' tieghu ta' persuna

li thaddem, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna il-mewt ta' Omar Abdallah Suleiman u dan ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi u/jew fix-xhur ta' qabel naqas milli jhares is-sahha u s-sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai terminu ta' l-Artikoli 6(1)(2) ta' l-Att 27/2000 Kapitolu 424.

Ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem, u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha, naqas li jaghmel, jew li jizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini tal-Artikolu 10(1) tal-A.L. 36/03.

Ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem, naqas li jiehu l-mizuri necessarji sabiex waqghat mill-gholi ikunu fizikament evitati partikolarment permezz ta' bennieni solidi li jkunu gholjin bizzejjed u jkollhom tal-anqas bord tat-tarf, poggaman ewlieni u poggaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqas ukoll li jizgura li x-xoghol fil-gholi jitwettaq biss b'apparat specjali jew bl-uzu tal-apparat ta' protezzjoni kollettiv bhal ma huma l-bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki tas-sigurta'. Fejn l-uzu ta' tali apparat ma jkunx possibli minhabba n-natura tax-xoghol, ghandhom ikunu pprovduti u ghandhom jintuzaw mezzi adatti tal-access u arnessi ta' sigurta' jew metodi ta' ankragg ohra ta' sigurta'. Naqas ukoll li jizgura li poggamani ta'

protezzjoni jitpoggew madwar trombi u turgien u dan ai termini ta’ Reg. 5 tal-Iskeda IV (Parti B, Sezzjoni II) tal-A.L. 281/2004.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom att mill-estratt tat-twelid, fedina penali, okkorrenza u certifikat tal-mewt.
Semghet lix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni fosthom lill-Ufficjal Prosekutur **l-Ispettur Trevor Micallef** li xehed nhar it-22 ta’ Mejju 2012, fejn iddikjara li mill-investigazzjoni li ghamel, irrizultalu li kien hemm bizzejjed provi sabiex iressaq lill-imputat odjern il-qQorti u jakkuzah bl-akkuzi li jinsabu moghtija fil-konfront tieghu guramentati mill-Ispettur stess. L-Ispettur tenna li ghal habta ta’ nofsinhar tal-25 ta’ Gunju 2010 il-pulizija ta’ San Giljan kienu gew infurmati li gewwa t-Triq San Mikiel, San Salvatore Court, San Giljan, kien hemm persuna li kienet ghadha kemm waqet. Din il-persuna kellha nazzjonalita’ barranija u li x’aktarx din il-persuna kienet mejta. Il-pulizia minnufih marret fuq dan il-post fuq investigazzjoni preliminari. Fil-fatt kien hemm PS 1492 li mar flimkien ma’ PS 928 u skont dak li rrizultalhom il-persuna mejta kellha l-isem ta’ Suleiman Omar Abdallah, detentur tal-karta tal-identita’ numru 37726A. Mir-rizultat tal-investigazzjoni preliminari jidher li din il-persuna kienet qed taghmel xi xoghol fil-penthouse ta’ dan l-istess blokk ta’ appartamenti, kien hemm skylight u flok ma’ rifes fuq l-injama li kien hemm rifess fuq il-hgieg u waqa’ tlett sulari u miet. In segwitu l-Ispettur kien informa lill-Magistrat tal-Ghassa Audrey Demicoli u nfethet inkjesta relattiva. Fuq il-post kien hemm l-imputat odjern, li l-Ispettur gharfu prezenti fl-awla, u fil-fatt jaf li tkellmu mieghu wkoll. L-imputat kien qalilhom li huwa kien qabbad il-vittma jahdem mieghu xi jumejn qabel dan l-incident. Huma kienu ghamlu wkoll komunika mal-OHSA u jaf li saret xi investigazzjoni minn naha taghhom wkoll.
**David Saliba,** in rapprezentanza tal-Occupational Health & Safety Authority, xehed fit-22 ta’ Mejju 2012 fejn iddikjara li fil-25 ta’ Awissu 2010 l-Awtorita’ tas-Sigurta’ fuq il-Post tax-Xoghol giet infurmata li kien sehh incident gewwa il-font 9, San Salvatore Flats, Triq San Mikiel, San Giljan fejn il-persuna li allegatament kien qed jahdem fuq

il-bini ta’ kostruzzjoni, sussugwentament waqa’ gholi ta’ tlett sulari u dana miet. L-awtorita’, flimkien ma’ Charles Micallef kif ukoll Melino Mercieca kienu marru fuq il-post fejn fl-entratura ta’ dan il-font, kien hemm vittma ta’ nazzjonalita’ barranija mixhuta mal-art f’ghadira demm. Sussegwentament mill-indagini li ghamel ix-xhud flimkien mal-kollegi tieghu, irrizulta li din il-persuna li kienet mejta kienet qieghda tahdem fil-font, vicin il-font ta’ l-avukat Dr Micheal Ellul Sullivan u li kien qabbad lill-imputat bhala kuntrattur sabiex jaghmillu x-xoghlijiet fil-font tieghu stess u dan ghal xi raguni jew ohra kien waqa’ minn go skylight.
Ix-xhud spjega li dan huwa bini ta’ tlett sulari, flattijiet li Dr Ellul Sullivan kien qieghed jibni fir-raba’ sular u sussegwentament kellu jaghmel penthouse. Il-bejt kien hemm skylight li kien qed jaghti d-dawl ghal parti komuni tal-binja ta’ dan il-flat, li kien ser jaghmel parti mill-art ta’ dan l-appartament. Il-font ta’ Dr Michael Ellul Sullivan kien fi stadju avvanzat u Dr Michael Ellul Sullivan kien qallilhom li kien qabbad lill-imputat sabiex jaghmillu xoghol ta’ kisi. Sussegwentament f’din il-parti fejn kien hemm dan l-iskylight kien hemm tavlun li ghal xi raguni jew ohra dan il-haddiem ghadda minn fuq dan it-tavlun u rifes hazin fuq l-iskylight jew daret it-tavlun bih u dan ghadda mill-iskylight u waqa’.
Ix-xhud tenna li l-awtorita’ mhux biss investigat dan il-kaz izda wkoll ghan-nuqqasijiet li kien hemm inezistenti f’din il-binja ta’ kostruzzjoni li kien hemm u fosthom kien hemm diversi perikoli li ra x-xhud stess - li kien hemm skylight iehor li ma kienx maghluq, kien hemm turgien li ma kienux bl-*edge protection*, kien hemm diversi wires, kien hemm hafna nuqqasijiet. Il-kollega tieghu Melino Mercieca kien ha bosta ritratti li kien ser jesebihom il-Qorti, u ghalhekk il-Qorti ser ikollha stampa cara ta’ dan li qed jaghmel riferenza tieghu x-xhud. Huwa kien tkellem mal-perit Aquilina, li kien l-espert tal-Qorti nominat mill-magistrat inkwirenti Dr Audrey Demicoli kif ukoll ma’ Dr Mario Scerri li kienu sussegwentament kellmu lill-imputat bhala l-persuna li kienet identifikat il-mejjet, li kien attwalment qabbad hu stess biex jahdimlu u jaghmel dan ix-xoghol ta’ kisi. Fuq il-post kien hemm persuna ohra li kien ha il-mejjet stess sabiex jghinu. Bazikament l-imputat kellu hemmhekk zewg haddiema, pero’ meta kellem lill-imputat,

huwa qallu li kien jaf li kien ser igib haddiem iehor, pero' l-haddiem l-iehor kien wiehed li kien gabar mill-area tal-Marsa sabiex jaghtih daqqa ta' id. Pero' l-imputat kellu hemmhekk haddiem wiehed biss u cioe' li kien miet.

Mill-investigazzjoni taghhom irrizultalhom li Dr Michael Ellul Sullivan ma kienx ottempera ruhu mal-avviz legali 281/2004 li fuq il-post tax-xoghol ma' kellux protection proviso u ghalhekk kienu ttiehdu proceduri kriminali li gew konkluzi f'Novembru tas-sena l-ohra u sussegwentament minhabba l-gravita' ta' dan il-kas, l-awtorita' u l-pulizija irreferew ic-charges odjerni u gew prezentati quddiem il-Qorti.

**Melino Mercieca** xehed fit-22 ta' Mejju 2012 fejn iddikjara li huwa kien jahdem mal-Awtorita' tas-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol u dana fil-perjodu bejn 2007 sat-2012. Fil-fatt ix-xhud kien involut fl-incident in kwistjoni fejn kien tilef hajtu Suleiman. Huwa kkonferma li fil-25 ta' Awissu 2010 kienu gew infurmati li kien hemm incident fatali gewwa s-sit ta' kostruzzjoni gewwa Sam Giljan, fi Triq San Mikiel, San Salvatore Flats. Huwa kien mar minnufih fuq il-post flimkien mal-kollega tieghu David Saliba u Charles Micallef u hemmhekk fuq il-post sabu persuna mejta u wara rrizultalhom li kienet il-persuna ta' Omar Abdallah Suleiman. Huma tkellmu wkoll mal-Ispettur Trevor Micallef minn naha tal-pulizija u ma' Dr Micheal Ellul Sullivan bhala sid il-binja, il-Perit Ruben Sciortino, bhala l-perit tal-progett kif ukoll tkellmu mal-imputat li dak il-hin identifika ruhu maghhom bhala l-*employer* tal-vittma, kif ukoll kien hemm persuna ohra Keith McKan li kien qed jahdem mal-vittma.

Ix-xhud esebixxa sett ta' ritratti mehuda minnu stess dakinhar tal-incident liema ritratti gew esebiti u mmarkati komplessivament bhala dokument FM. Fuq is-sit l-imputat kien identifika ruhu bhala l-employer tal-vittma u kien responsabbli ghax-xoghol tal-kisi u li kien imur fuq il-post tax-xoghol kuljum. Irrizultalhom li l-vittma kien allegatament waqa' minn go *skylight* li ma kellhom l-ebda protezzjoni sabiex tevita incident simili. Huwa ghamel referenza ghal *skylight* in kwistjoni li hija murija fir-ritratti 3 u 4 ta' dokument FM. Fil-bini ta' kostruzzjoni *skylight* bhal din kellha tigi identifikata sabiex tevita perikolu bhal dan u dan billi tigi maghluqa b'cover sod. Fuq is-sit kien hemm

diversi *wires* tal-elettriku u kien hemm *insulation* mqatta' u ghalhekk zdied ir-riskju ta' xokk u dan jidher indikat fir-ritratt numru 31. Qal ukoll li kien hemm *side edges* u ma kienx hemm l-ebda protezzjoni biex tilqa' ilquh mill-gholi kif jidher fir-ritratti numru 23, 24, 25 u 26. Kien hemm ukoll xi slielem li kienu qosra u wiehed minnhom kien ukoll perikoluz, dan jidher mir-ritratt numru 27, 30, 31 u 32. In segwitu saret ukoll inkjesta u kienu ordnaw it-twaqqif tax-xoghol sakemm jigu ndirizzati dawn in-nuqqasijiet.
Ix-xhud stqarr li l-iskylight minn fejn ghadda l-vittma effetttivament hija dik murija fir-ritratt numru 3. Vicin l-iskylight kien hemm il-mannet u it-tavluna. L-iskylight in kwestjoni ma' kellha l-ebda protezzjoni kif murija fir-ritratt. Il-protezzjoni ta' *fragile service* tittiehed mill-*employer*, dak li jkollu il-haddiema on site. L-employer huwa obbligat bil-ligi sabiex jaghmel evalwazzjoni tar-riskju li hemm fuq is-sit. Huwa staqsa sabiex jara jekk effettivament l-*employer* kienx ghamel risk assessement u qal li effettivament dan ir-*risk assessment* ma sarx kif sahansitra jirruzulta mir-ritratti. L-imputat fil-fatt qal lix-xhud li lanqas biss kien jaf li kellu jaghmel *risk assessment*. Mistoqsi jekk l-imputat qattx xehed fl-atti tal-inkjesta wiegeb li ma jafx.
**Brenda Vella** xehdet fit-22 ta' Mejju 2012 fejn iddikjarat li hija tahdem mal-Employment and Training Corporation. Mistoqsija sabiex tesebixxi l-*employment history* ta' Abo Assaf Yousef detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 181210L u l-*employment history* ta' Suleiman Omar Abdallah detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 37726A, spjegat li dawn iz-zewg persuni qatt ma messew mal-ETC u ma jezistux fid-database taghhom. Hija esebiet dokument mahrug ghal dan il-ghan li l-Qorti mmarkat bhala Dokument ETC. Hija kkonfermat li meta persuna tibda' bl-impjieg taghha huma jigu nfurmati bhala Employment and Training Corporation.
Rat in-nota tal-Avukat Generali li giet prezentata fid-19 ta' Gunju 2012 li permezz taghha a tenur tal-Artikolu 569(4) tal-Kodici Kriminali esebixxa l-Process Verbal numru 277/11 redatt mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli li gie maghluq fil-15 ta' Marzu, 2011.
Rat il-verbal tal-25 ta' Ottubru 2012 fejn il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza moghtija fil-konfront ta' Michael Ellul Sullivan.

**Charles Micallef** xehed fil-25 ta' Ottubru 2012 fejn iddikjara li huwa jahdem bhala Principal Occupational Health and Safety Officer mal-Awtorita' tas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post. Huwa jiftakar li fil-25 ta' Awissu 2010 kienu rcevew rapport li fil-blokk San Salvatore, Triq San Mikiel, San Giljan ghal habta ta' nofsinhar kien inqala' incident fejn kien hemm persuna li kienet tilfet hajjitha. Ix-xhud kien mar fuq il-post kif gie indikat lilu. Il-post huwa dak muri fir-ritratti esebiti fl-atti a fol 24 et seq tal-process u rrizultalu li fuq il-post kien hemm persuna minghajr hajja. Dan il-post fis-saqaf tieghu kien hemm *skylight* u mill-investigazzjoni preliminarja li zamm ix-xhud irrizultalu li din il-persuna waqghet minn dan l-iskylight. Mal-art magenb il-persuna mejta kien hemm ukoll bicciet tal-iskylight. Huwa tkellem ma' sieheb il-persuna mejta, certu Keith McCann, detentur tal-karta tal-identita' numru 54626A kif ukoll mal-imputat li rah prezenti fl-awla, Abo Assaf Yousef. Minn dak li rrizultalu, l-imputat kien l-imghallem tal-persuna mejta. L-imputat kien ihallas tletin ewro ta' kull jum xoghol li kien jaghmel il-vittma. L-iskylight li kien hemm ma kienx mghotti sew, fis-sens li ma kellux fallakki fuqu bizzejjed jew xi xibka tal-konkos sabiex jevita li bniedem jaqa' minn tali gholi.
Ix-xhud tenna li kien hemm domestic wires tad-dawl flok ma kienu industrijali u ma kienx hemm ilqugh mill-gallariji. Irrizultalu mill-investigazzjoni preliminari maghmula minnu li l-vittma x'aktarx kien mar fil-kamra fejn kien hemm dan l-iskylight u bhala konsegwenza huwa rifes fuq dan l-iskylight, spicca waqa' distanza ta' xi tlett sulari u spicca mejjet. Ix-xoghol kien qed isir fil-penthouse fil-blokka appartamenti maghrufa bhala San Salvatore. Pero' fejn kien hemm l-iskylight kien hemm access u kien hemm ukoll materjal fl-istess kamra, fosthom ramel, tankijiet tal-ilma u affarijiet ohrajn, u naturalment wiehed seta' jiehu wkoll break peress li kien hemm maghluq. Huwa tenna li kien hemm xoghol kostruzzjonali ta' penthouse fuq bini li kien diga' ezistenti. Effettivament inbniet kamra fuq fejn kien hemm l-iskylight u sussegwentement qal li ghalhekk giet qisha kamra.  F'din il-kamra deher li kien qed isir xi xoghlijiet fiha, fosthom xi bricks li setghu jintuzaw bhala armar, kif murija fir-ritratti esebiti fl-atti a fol 25 tal-process.

Ix-xhud tenna li kien hemm tank tal-ilma li kien qed jintuza sabiex isiru x-xoghlijiet necessarji, kien hemm numru ta' bricks kif ukoll wires. Fil-fatt jidher ukoll li kien qed isir xi kisi kif muri fir-ritratt numru 7 u ghalhekk hemm distinzjoni bejn il-hajt diga' miksi u dak li ma kienx. Mistoqsi jekk kienx hemm access liberu ghal din il-kamra u fejn kien hemm propju dan l-iskylight wiegeb li iva kien hemm access liberu. Huwa spjega li tkun qisek dhalt fil-kamra ta' washroom li sussegwentament saret fl-ahhar. L-imputat ma kienx prezenti waqt li sehh l-incident. Ix-xhud kellem lill-imputat rigwardanti din l-investigazzjoni.

**Dr Michael Ellul Sullivan** xehed fil-5 ta' Lulju 2013 fejn iddikjara li huwa kien diga' ghadda proceduri kriminali in konnessjoni ma' dan l-incident liema proceduri illum jinsabu decizi b'mod definittiv mill-Qorti tal-Appelli Kriminali. Ix-xhud kien xtara l-arja fil-blokk maghruf bhala San Salvatore, Triq San Mikiel, San Giljan bil-ghan li jibni zewg flats. Huwa applika ghal permessi relattivi mal-MEPA u sab il-haddiema biex jibnulu l-kostruzzjoni.

Ix-xhud spjega li tahtu kien hemm in-nies li jigu girien tieghu peress li bi hsiebu jmur jghix f'din ir-residenza u ghalhekk qaghad attent hafna ghat-tip ta' nies li kienu ser jahdmulu. Huwa ddikjara li kien inghata rakkomandazzjoni fuq persuna bhala *plasterer* li jahdem bil-galbu u anke l-attitudni tieghu sabiex ma jhammigx u ma jwaqqax. Filfatt din il-persuna kienet l-imputat odjern. Ix-xhud ma kienx prezenti fuq is-sit meta sar l-incident. Dakinhar huwa kien ghamel spezzjoni fil-font xi ghaxar minuti qabel ma sehh l-incident. Huwa jaf li l-imputat kellu haddiem iehor fuq is-sit dakinhar li kien qed jaghmel xoghol ta' plastering. Dan il-haddiem l-iehor effettivament kien il-vittma ta' dan il-kaz.

Ix-xhud tenna li huwa kien ta struzzjoni lill-imputat odjern fuq kif ser jahdmu u cioe' li l-ewwel jibdew mill-flat ta' fuq u mbaghad jinzlu ghal ftat ta' isfel. Huwa qal li fuq il-bejt sopra port ghal propjetajiet ta' terzi kien hemm tankijiet ta' ilma u skylight. Filfatt minhabba dawn it-tanikijiet tal-ilma x-xhud kien ghamel bicca injama sabiex jevita li jkun hemm access u kien informa lill-haddiema kollha sabiex ma jidhlux f'din il-parti peress li kien hemm periklu ta'

gebel u pajpijiet tal-istess tankijiet. Huwa jiftakar li kien qal dan il-kliem specifikament lill-imputat u lill-vittma sabiex ma jidhlux f'din il-parti. Fuq il-post kien hemm fallakka twila tal-injam u l-vittma kien staqsa lix-xhud ta' min kienet dik il-fallakka u qalilhom li ma kinitx taghhom u li ma kellhomx imissuha. Dan qalulhom sabiex ma jidhlux fil-post halli ma jkollux inkwiet mal-girien. Huwa ddikjara li kien telaq minn fuq il-font. Ix-xhud sostna li qalilhom biex ma jiehdu l-ebda riskju ta' xejn u jekk kellhom xi diffikulta' kellhom jghidulu.

Huwa spjega li sakemm telaq minn fuq il-post u wasal l-ufficcju ftit minuti boghod, cempillu xi hadd mill-girien u qallu li kien waqa' xi hadd mill-iskylight u kien waqa' fil-komun. Ix-xhud dak il-hin cempel lill-imputat u staqsieh x'kien gara u wiegbu li f'dawk il-mumenti huwa ma kienx fuq il-post. Ix-xhud qallu biex jiltaqghu fuq il-post sabiex jaraw ezattament x'kien gara u sabu lill-vittma mal-art mitlufa minn sensiha mejta.

Ix-xhud gie muri numru ta' ritratti esebiti f'dan il-process propju annessi mal-atti tal-inkjesta b'mod partikolari ghal zewg ritratti numerati 126 u 127 rispettivament. F'dan ir-ritratt hemm il-fallakka li huwa kien qalilhom biex ma jmissux u ddikjara li din zgur ma kinitx fil-pozizzjoni li kienet qabel ma telaq minn fuq il-post. Huwa tenna li biex tidhol f'din il-parti l-injama kienet fuq barra. Filfatt fir-ritratt hemm ukoll xi gebel u pajpijiet fejn huwa qalilhom biex joqghodu attenti ghalihom. Huwa qalilhom mhux biss biex joqghodu attenti izda biex ma jersqux 'l hemm.

Ix-xhud gie muri zewg ritratti ohra bin-numri 122 u 123 rispettivament. Mistoqsi jekk l-injama li xehed dwarha tidhirx f'dawn iz-zewg ritratti wiegeb li le ma tidhirx. Mistoqsi jekk jistax juri lill-Qorti fejn effettivament kienet imwahhla din l-injama li allegatament kienet qed timblokka l-access wiegeb li jiftakar li din kienet imwahhla b'mod djagonali b'musmar gol-fil. Filfatt l-injama in kwistjoni kienet simili ta' dik murija fir-ritratt numru 127. Saritlu referenza ghar-ritratt numru 121 u qal li hemm bicca injama f'dan ir-ritratt pero' ma jistax jghid jekk din kinitx l-istess bicca injama.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-hamsa (5) ta’ Novembru 2013 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal-hamsa (05) ta’ Novembru 2013.

L-imputat **Abo Assaf Yousef** ghazel li jixhed ai fini ta’ piena u dan fis-seduta tal-5 ta’ Novembru 2013. Ikkonferma li ilu hawn Malta ghal xi disgha snin u li huwa mizzewweg mara Maltija. Minn dan iz-zwieg ghandu tlett itfal. Spjega li ohtu wkoll tghix hawn Malta mal-familja u wliedha jmorru skola Maltija. Spjega li l-genuituri tieghu huma anzjani u jghixu il-Libja bla pensjoni u ghalhekk jahdem sabiex jghinhom finanzjarjament ukoll. Fisser li dan l-ahhar sentejn kellu jghin ukoll lil zewg hutu ohra li qeghdin gewwa s-Sirja fejn hemm il-Gwerra. Nonostante dan kollu jghid li hawn Malta jahdem hafna u jghix hajja ta’ bzulija. Spjega kif wara dan l-incident huwa xorta baqa’ jaghmel dan it-tip ta’ xoghol jahdem ghal rasu. Huwa mar l-ufficcju tal-ETC u irregola l-pozizzjoni tieghu u dan sa mis-sena 2005 fis-sens li huwa registrat maghhom u ilu hekk sa mill-1 ta’ Awwissu 2004 skond dokument esebit minnu. Qal li ghandu VAT book u li ghalhekk ihallas it-taxxi kollha dovuti minnu. Huwa ghandu wkoll impjegat jahdem mieghu u dan ukoll huwa registrat mal-ETC kif jirrizulta mid-dokumenti li huwa esebixxa seduta stante.

Rat li fil-verbal tal-5 ta’ Novembru 2013, il-Prosekuzzjoni mhix qed tikkontesta dak li qal l-imputat fil-pedana tax-xhieda u tikkonferma li minn dak li rrizultalha, l-imputat ma kien involut fl-ebda incident iehor u lanqas ma gie a konjizzjoni taghhom illi l-Awtorita’ imponiet xi penali amministrattivi fuqu.

Ghalhekk f'dan il-kaz, li huwa wiehed ta' reat involontarju, il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lill-imputat sabiex izomm 'l boghod mill-hajja kriminali. Rat li l-imputat ghandu fedina penali netta minghajr ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghalhekk thoss li ghandha titratta mieghu bhala a first time offender u ghaldaqstant thoss li fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva mhix il-piena idoneja. Minn naha l-ohra pero' il-kaz huwa wiehed serju u dan ghaliex tilef hajtu l-persuna ta' Omar Abdallah Suleiman. Il-Qorti thoss li ghandha izzomm bilanc bejn is-socjeta' u l-interessi tal-imputat.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 17, 225(1) u 533 tal-Kapitolu 9, Artikoli 6 (1) u (2), 38 (1) u (3) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolamenti 10 (1) u (3) u 21 (1) tal-Avviz Legali 36 ta' l-2003, Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol (L.S. 424.18) u Skeda IV, Taqsima B, Sezzjoni II, Regolament 5 tal-Avviz Legali 281 tas-Sigurta' tax-Xoghol f'siti ta' Kostruzzjoni, tiddikjara li qed issib lill-imputat ABO ASSAF YOUSEF hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u ammessi minnu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax-il xahar sospizi ghal tliet snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ihallas multa ta' elf ewro (€1,000).**

**Il-Qorti qieghda taghti l-fakolta' lill-imputat sabiex ihallas il-multa inflitta f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar u dan sabiex fi zmien ghoxrin xahar tali multa tkun imhallsa kollha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------